**Ir-raba laqgha tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar il-Ħamis 9 ta' Awwissu 2012 fis-7:30 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Joe Zerafa
Peter Paul Buttigieg
Sammy Buttigieg
Peter Mifsud
Raymond Vella
Maria Galea
Rev. Jimmy Xerri, Arcipriet

Josianne Cutajar, Maria Natoli u Miriam Portelli Kunsilliera kienu skuzati
Ines u Peter Paul Buttigieg jinsabu imsiefrin

---

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mis-Sindku.

**2. Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tat-tielet laqgħa ġew approvati w iffirmati.

**3. Attivitajiet ta' l-Imnarja.**

Is-Sindku rringrazzja lil-membri tas-sotto kumitat kollha tal-għajnuna tagħhom waqt l-attivitajiet tal-Imnarja, li kienu suċċess. Hu rringrazzja b'mod speċjali lil Anton Said, Josef Camilleri u Charlie Xuereb ta' l-organizzazzjoni tal-wirja tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Din il-wirja kienet suċċess. Kien hemm ħafna parteċipanti u kellha pubbliċita tajba fuq il-media, filwaqt li nżammet miftuħa fil-jiem kollha tal-Festa.

*Jum it-Tfal.* Is-Sindku spjega li l-attivita' tat-tfal saret fil-pjazza u mhux fil-pjazzetta, kif pjanat, peress li l-apparat kien kbir ħafna u ma kienx joqgħod kollu fil-pjazzetta. Din l-attivita fuq still ġdid, ġiet apprezzata ħafna mit-tfal u l-ġenituri tagħhom . Għas-snin li ġejjin għandha terġa' tiġi organizzata bl-istess mod.

*Tiġrija tal-bhejjem.* It-triq ta' xħajma giet irranġata qabel l-attivita tat-tiġrija. Il-Kunsill ġie avviċinat mill-Kunsill tat-tfal ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur dwar il-ħin tat-tiġrija tal-bhejjem. Huma ġibdu l-attenzjoni li fil-ħin ta' wara nofsinhar ikun

hemm ħafna xemx u sħana u ssuġġerew li t-tiġrija tinżamm filgħodu kmieni jew filgħaxija. Il-Kunsill għandu jieħu din inkonsiderazzjoni għas-sena d-dieħla.

*Il-Parata* mill-AFM kienet sabiħa ħafna u ġiet apprezzata mir-residenti u spettaturi prezenti.

Eucharist Camilleri ġibed l-attenzjoni li s-sena d-dieħla hija l-325 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa.

*Ikla Tradizzjonali.* Is-sotto kumitat qabel li d-data ta' l-Ikla Tradizzjonali kienet kmieni wisq u m'għandiex issir daqshekk kmieni, għalkemm xorta kien hemm numru sabiħ ta' nies jieklu. Ġie ssuġġerit li l-ikla issir l-għada ta' l-attivita ta' Triq Dicembru 13. L-area ta' ikla saret mingħajr barriers, l-ikel kien tajjeb u l-entertainment ukoll kien tajjeb. Il-comperes, kif wkoll xi items tal-entertainment setgħu kienu aħjar, skond il-fehma ta' xi membri.

*Wirja Agrarja.* Ġie ssuġġerut li x-xibka li tgħatti l-pjazzetta tkun armata 'il fuq mis-siġar sabiex is-siġar ikunu jistgħu jiġu mzejna. Ġie ssuġġerut ukoll li l-annimali għal wiri jkunu barra fil-parti ta' fuq ta' Triq Diċembru 13 (ħdejn Angelu's Bar) sabiex ikun hemm aktar spazju fil-pjazzetta. Din is-sena parti mill-wirja saret fuq l-istands u parti fuq il-karrettuni. Din intlaqgħet tajjeb mill-parteċipanti.

4. **Wine Festival.** Il-Wine Festival ser issir mill-Ġimgħa 31 ta' Awwissu sal-Ħadd 2 ta' Settembru 2012. Din is-sena hija l-għaxar (10) anniversarju tal-Wine Festival fin-Nadur. Trasport mix-xatt għan-Nadur ser jiġi provdut mill-Arriva. Il-Kunsill għandu jitlob lill-kuntrattur tad-dawl sabiex ikun hemm aktar dawl fit-triq il-Madonna ta' Fatima.

5. **Jum il-Kunsill.** L-attivitajiet pjanati għall-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill huma:

Għoti ta' Premju Ġieħ in-Nadur - Ġie diskuss li dan il-premju jerġa' jingħata waqt il-kunċert ta' San Koronatu fit-Teatru MBC.

County Walk

Blood Donation

Fun Run

Kunċert

Kompetizzjoni ta' l-Isbaħ faċċatta bil-pjanti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:45 p.m.